MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 127/2011

**A B**
**vs**
**L-Avukat Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi li permezz tad-digriet datat 22 ta' Lulju 2011 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-assenti C B**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu wara li ppremetta :-

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fil-gurnata tas-16 ta' Settembru, 2000 u minn din l-ghaqda twieldu hamest (5) itfal li huma Veronica, Noellia, Ricardo, Tanica u Giacomo kollha minuri;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti m' ghadiex iktar possibli u dan minhabba htijiet imputabbli lill-intimata konvenuta senjatament minhabba theddid, eccessi, sevizzi, ingurji gravi li tinkludi vjolenza, abbandun da parti ta' l-intimata fil-konfront ta' l-esponenti u in subsidum ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

3. Illi l-intimata hija ta' nazzjonalita' Ingliza u fl-4 ta' Marzu 2010 hija qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali meta maghha hadet ukoll lill-hamest itfal minuri tal-partijiet u wara li l-esponenti ghamel indagni ma' l-awtoritajiet ikkoncernati sar jaf li l-intimata telqet minn Malta u dan minghajr ma tat ebda preavviz lill-esponenti u sal-lum l-esponent ghandu ma jafx fejn tinsab l-intimata;

4. Illi l-esponenti ottjena d-debita awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-29 ta' Marzu 2011 biex ikun jista' jipprocedu f' din l-istess istanza; u

5. Illi t-tentattivi kollha biex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn u ghalhekk kellhom jigu intavolati dawn il-proceduri;

Talab li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta intimata u tawtorizza lill-attur rikorrenti jghix separatament mill-konvenuta intimata;

2. Tordna li l-attur rikorrenti ghandu jkollu access ghall-minuri u tiffissa l-granet u l-hinijiet li fihom l-attur rikorrenti ghandu jinghata access fil-konfront tal-minuri;

3. Tordna u tikkundanna lill-konvenuta intimat tivversa manteniment ghall-attur rikorrenti ghalih skont il-mezzi tal-konvenuta intimata liema manteniment ghandu jigi likwidat u iffissat minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tapplika kontra l-konvenuta intimata interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati, wahda lill-esponenti u l-ohra lill-konvenuta intimata okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku jekk ikun il-kaz biex jircievi l-att ta’ divizjoni relattiv u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tordna lill-konvenuta intimata biex tivvaka mid-dar matrimonjali u tordna li l-attur rikorrenti ghandu jibqa’ jghix fl-imsemmija dar ad eskluzjoni tal-konvenuta intimata;

8. Tikkundanna lill-konvenuta intimata tikkonsenja lill-esponenti l-beni parafernali tieghu u tordna li l-esponenti ghandu jinghata l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;

9. Tawtorizza lill-attur rikorrenti jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li qed tigi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Lulju 2011 li permezz tieghu innominat kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-konvenuta assenti minn dawn il-Gzejjer.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Settembru 2011 li permezz tieghu laqghet it-talba tal-attur imressqa b’rikors fejn talab hu stess li l-kura u kustodja pendete lite tal-minuri tigi moghtija lill-konvenuta ommhom u dan peress li

effettivament huma kienu qed jirrisjedu maghha gewwa ir-Renju Unit.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li permezz taghha iddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza u irrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni fuq il-kaz.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat.

**Provi**

L-attur xhed li kien izzewweg lil C Strano fis-16 ta' Settembru 2000 wara li kellhom tifla komuni li twiedet qabel iz-zwieg.  Minn dak iz-zwieg kellhom erbat itfal ohra. Il-hamest ahwa ghadhom sallum minorenni.

Huwa jirrakkonta li wara numru ta' snin minghajr problemi beda l-inkwiet bejniethom ghaliex skont l-attur il-konvenuta bdiet torqod hafna.   Darba il-Hadd il-konvenuta kienet qajmet lit-tfal kollha u qaltlu li kienet sejra bihom il-bahar Birzebbugia.   Ghadda hafna hin u ma rritornatx.  Meta saru l-ghaxra ta' bil-lejl huwa mar l-Ghassa tal-Belt u kellem lill-Ispettur Mamo li min-naha taghha baghtet ghal wiehed mill-familjari tal-konvenuta li informaha li effettivament il-konvenuta kienet siefret bit-tfal kollha lejn l-Ingilterra.   Fis-sena 2010 il-konvenuta kienet cemplet lill-konvenut u qaltlu li binthom il-kbira, Veronica, riedet tigi lura Malta, ghaliex ma kinitx tmur tajjeb mal-partner tal-konvenuta.  Fil-fatt il-minuri Veronica nizlet lura Malta wahedha u llum tghix man-nanna paterna, Carmen, kif ukoll ma' oht l-attur.  Skont l-attur il-minuri Veronica ma tridx tmur tghix mieghu ghaliex hu jzomm id-dixxiplina u "… nifthilha ghajnejha dwar certi affarijiet izda hi ma tridx taf u llum ghandha hmistax-il sena u ma nistax nikkontrolla dak li trid hi."

L-attur ezebixxa sett ta' hames ritratti li sab fuq l-internet u li juru lill-konvenuta u ragel iehor. Minn dawn ir-ritratti l-attur jiddeduci li l-konvenuta izzewgitu ghaliex riedet tilbes il-libsa tat-tieg. Pero' ma seta jghid xejn aktar ghaliex daqshekk jaf. Huwa ghadu maqtugh mill-erba' uliedu l-ohra li presumibilment jghixu m'ommhom li lanqas jaf fejn qed jabitaw.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti xhed li prattikament ma hemm xejn. Il-fond fejn jirrisjedi: 11, Flat 2, Triq l-Ibjar, il-Belt Valletta, huwa mikri minghand il-Gvern. Il-konvenuta kellha fuq isimha vettura tal-marka Ford Fiesta li ma jafx x'gara minnha. Il-bqija ma hemm assi ta' xejn.

**Konsiderazzjonijiet**

Mill-provi skarsi li gew prodotti f'din il-kawza, li ma gew bl-ebda mod kontradetti, il-Qorti qed tikkonsidra li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser minhabba abbandun da parti tal-konvenuta li bil-mohbi tal-attur telqet minn Malta flimkien mal-hames ulied il-partijiet. Ghalkemm l-attur jispjega li din il-haga ghada sallum tkiddu ghaliex gie kompletament eskluz mill-hajja ta' erba' mill-hames uliedu, pero' ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ghaliex ma ha l-ebda passi legali fir-rigward fiz-zmien li sehhew dawn il-fatti.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti jirrizulta li ma hemm l-ebda assi komuni. Hemm biss kirja ta' flat li fic-cirkostanzi tispetta li tigi assenjata lill-attur ad eskluzzjoni tal-konvenuta.

Dwar il-minuri, erba' mill-ulied minuri jirrisjedu mal-omm gewwa r-Renju Unit filwaqt li l-minuri Veronica tirrisjedi man-nanna paterna u mhux mal-attur.

Dwar it-talba tal-attur sabiex il-konvenuta tigi kkundannat thallsu manteniment ma ngabu l-ebda provi, la x'inhuma l-mezzi u lanqas il-htigijiet tal-partijiet

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet A B u C B u dan minhabba tortijiet imputabbli lil C B konsistenti f'abbandun.
2. Tichad it-tieni talba izda ghalkemm mhux mitlub takkorda lill-attur il-kura u kustodja tal-minuri Veronica b'dan illi l-istess minuri tibqa' tirrisjedi man-nanna paterna.
3. Tichad it-tielet talba.
4. Tilqa' r-raba' talba.
5. Tilqa' l-hames talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet b'dan illi l-kirja tal-fond matrimonjali fuq imsemmi ghandha millum 'il quddiem issejjah biss lill-attur.
6. Tichad is-sitt talba.
7. Tilqa' s-seba' talba u tiddikjara illi l-attur ghandu dritt esklussiv li jibqa' jabita' fil-fond fuq imsemmi ad eskluzzjoni tal-konvenuta.
8. Tichad it-tmien talba.
9. Tilqa' d-disa' talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta C B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------